# IWIEĠEB ALLA T-TALB TAGĦNA?

Minn
George Ebejer

1. **Il-Mulej jisma' t-talb tal-ġusti**

   "*Għax għajnejn il-Mulej huma fuq dawk li jagħmlu s-sewwa, u widnejh miftuħa għat-talb tagħhom; imma ħarset il-Mulej hi fuq dawk li jagħmlu d-deni*" (1 Pietru 3:12; Ġakbu 5:16).

2. **Il-Mulej jisma' lil dawk li jobduh**

   "*U kulma nitolbu, naqilgħuh mingħandu, għax inħarsu l-kmandamenti tiegħu u nagħmlu dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lilu*" (1 Ġwanni 3:22).

3. **Il-Mulej jisma' lil dawk li jitolbu skond ir-rieda Tiegħu**

   "*B'dan għandna qalbna qawwija fih, li, jekk nitolbuh xi ħaġa skond ir-rieda tiegħu, jismagħna: U jekk nafu li jismagħna f'kulma nitolbuh, nafu li aħna għandna l-ħwejjeġ li tlabnieh*" (1 Ġwanni 5:14-15; Ġwanni 14:13-14; Kolossin 3:17).

4. **Il-Mulej jisma' lil dawk li jemmnu**

"*U kulma titolbu fit-talb, billi temmnu, taqligħu*" (Mattew 21:22).

**5. Il-Mulej jisma' lil dawk b'motivi t-tajba**

"*Titolbu, u ma taqilgħux, għax titolbu ħażin, biex tonfqu għall-pjaċiri tagħkom*" (Ġakbu 4:3).

**6. Il-Mulej jistma' lil dawk li jgħamru Fih**

"*Jekk tibqgħu fija, u jibqa' kliemi fikom, titolbu kulma tridu, u jsirilkom*" (Ġwanni 15:7).

**7. Il-Mulej jisma' lil dawk ta' spirtu aċċettabbli**

"*U intom u titolbu, aħfru, jekk għandkom xi ħaġa kontra xi ħadd; biex Missierkom li jinsab fi-smewwiet jaħfrilkom dnubietkom ukoll*" (Mark 11:25).

**8. Kif għandna nitolbu?**

"*Meta titolbu, tkunux bħall-ipokriti: għax huma jħobbu jitolbu weqfin fissinagogi u f'irjus it-toroq, biex jarawhom il-bnedmin. Tassew ngħidilkom: Għandhom ħlashom. Iżda int, meta titlob idħol fil-kmajr tiegħek, u meta tkun għalaqt il-bieb, itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek li jara fil-*

*moħbi jroddlok fil-beraħ*" (Mattew 6:5-6).

**9. Xi kliem għandna nużaw fit-talb?**

"*Intom li titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn minn għalihom li, aktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom*" (1 Korintin 4:16-18).

"*…Kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem*" (Ġwanni 3:16).

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.

www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com